MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 7/2000/2

**Seyba Aluminium Limited**

**v.**

**Sea Malta Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Jannar 2000, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, is-socjeta` attrici ppremettiet illi s-socjeta` konvenuta garret merkanzija tas-socjeta` attrici

mill-port ta’ Livorno ghal Malta, ai termini ta’ l-anness *Bill of Lading,* immarkat bhala Dok. A; illi s-socjeta` konvenuta ma haditx il-prekawzjonijiet necessarji, kif kienet obbligata li taghmel, u b’konsegwenza ta’ dan, il-merkanzija relattiva giet danneggjata u ghal liema danni hija responsabbli s-socjeta` konvenuta, kif jirrizulta minn zewg rapporti ta’ esperti indipendenti; illi nonostante li s-socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta sabiex taghmel tajjeb ghad-danni kkagunati minnha, l-istess socjeta` konvenuta qeghda tirrifjuta li taghmel tajjeb ghal dawn id-danni; illi r-rifjut da parte tas-socjeta` konvenuta li thallas ghad-danni relattivi fuq imsemmija huwa inspjegabbli u ghalhekk is-socjeta` attrici ma kellhiex alternattiva ghajr li tistitwixxi dawn il-proceduri; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija unikament responsabbli ghad-danni fil-merkanzija tas-socjeta` attrici fuq imsemmija u ghad-danni konsegwenzjali u relativi sofferti mis-socjeta` attrici;

2. li jigu likwidati d-danni sofferti mis-socjeta` attrici, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi; u

3. tikkudanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici dawk id-danni hekk likwidati – kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult ammontanti ghal LM10 kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa tibqa’ ingunta ghas-subizzjoni taghha.

B’nota pprezentata fis-6 ta’ Marzu 2000, is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Fl-ewwel lok li s-socjeta` konvenuta ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati billi hi qdiet l-obbligi taghha skond il-kuntratt tal-garr bejn il-partijiet.

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost li s-socjeta` konvenuta hadet il-prekawzzjonijiet kollha li fic-cirkostanzi kienet tenuta tiehu u kkonsenjat il-merkanzija fl-istat li rcevietu.

3. Fit-tielet lok u fi kwalunkwe kaz, l-inammissibilita` tat-talbiet attrici billi ma tawx “notice” tal-hsara reklamata minnhom fit-terminu utili prevvist mill-polza rilevanti u ghaldaqstant fil-konfront tas-socjeta` konvenuta ddekadew minn kwalsiasi dritt ghal risarciment ta’ danni fuq l-importazzjoni de quo.

4. Fir-raba’ lok u fi kwalunkwe kaz l-inammissibilita` tat-talbiet attrici billi l-istess konvenuti naqqsu li jipprezentaw il-kawza odjerna fit-terminu assolut prevvist mill-polza tal-kariku (tlett xhur mid-data tal-konsenja) u, ghaldaqstant, fil-konfront tas-socjeta` konvenuta, iddekadew minn kwalsiasi dritt ghal rizarciment ta’ danni fuq l-importazzjoni de quo.

5. Fil-hames lok u bla pregudizzju ghas-suespost l-irritwalita` ta’ din il-kawza billi ma saret ebda talba kif prevvist mill-istess polza.

6. Fis-sitt lok u bla pregudizzju tas-suespost in-nuqqas ta’ notifika ta’ “cargo claim” fiz-zmien utili premess, ippregudika irrimedjabilment l-interess u d-drittijiet tas-socjeta` konvenuta billi llum ma tistax tiehu dawk il-passi li jistghu jirrizultaw bzonnjuzi ghas-salvagwardja tad-drittijiet legittimi taghha.

7. Fis-seba’ lok, bla pregudizzju, is-socjeta` konvenuta ma tafx li l-merkanzija de quo hi l-istess li, fil-fatt garret.

8. Fit-tmien lok l-“insufficiency of packing” tal-merkanzija importata, li tezonera lis-socjeta` attrici minn kwalsiasi dannu li setghet sofriet il-merkanzija.

9. Fid-disa’ lok difetti inerenti fil-merkanzija de quo kif ser jigi ppruvat tul is-smigh tal-kawza.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza tad-9 ta’ Ottubru 2003, billi wara li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u ddikjarat illi din l-

istess socjeta` tahti ghad-danni li garrbet is-socjeta` attrici, illikwidat d-danni fis-somma ta’ tmint elef u tnejn u erbghin lira u wiehed u sebghin centezmu (LM8,242.71) u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat flimkien ma’ l-imghax u l-ispejjez tal-kawza u dana wara li ghamlet rassenja tal-provi u is-segwenti osservazzjonijiet:-
“Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza graw hekk:

“Is-socjeta` attrici kienet ordnat kwantita` ta’ *aluminium* mill-Italia u qabbdet lis-socjeta` konvenuta biex tigbor il-merkanzija mill-port ta’ Livorno u twassalha Malta. Mill-fattura jidher illi l-merkanzija nharget mill-fabbrika fis-17 u t-18 ta’ Dicembru 1998, u skond is-socjeta` attrici kellha titghabba wkoll f’dawk il-jiem u kellha tasal Malta fil-21 ta’ Dicembru 1998, li kien it-Tnejn. Skond il-polza ta’ kariku, izda, il-merkanzija tghabbiet fis-27 ta’ Dicembru 1998, waslet Malta fl-4 ta’ Jannar 1999, u nghatat lis-socjeta` attrici fis-6 ta’ Jannar 1999.

“Meta marru biex jigbru l-merkanzija, ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici raw illi kienet mikxufa izda, billi ma kienx jidher li kien hemm xi hsara, haduha fl-imhazen tas-socjeta` attrici.

“Xi xahrejn jew tlieta wara s-socjeta` attrici bdiet tqassam l-*aluminium* lill-klijenti taghha; kif dawn bdew jahdmu l-*aluminium* setghu jaraw illi kien imsaddad. Is-socjeta` attrici minnufih baghtet kampjuni lill-fabbrika Taljana mnejn kienet xtrat l-*aluminium* u dawn baghtu jghidulha illi dan kien issaddad ghax kien espost ghall-ilma bahar. Kien ghamel analizi wkoll Dr. George Pelow li xehed quddiem din il-Qorti u qal illi fuq l-*aluminium* kien sab minerali kristallizzati fi proporzjonijiet li jixbhu hafna dawk li ssib fl-ilma bahar.

“Mix-xiehda nholoq ftit ta’ dubju dwar min kellu jwassal il-merkanzija mill-fabbrika sal-port ta’ Livorno. Il-fattura turi illi l-konsenja mill-fabbrika Taljana kellha ssir *ex works*, izda l-polza ta’ kariku turi illi l-konsenja lill-bastiment saret f’Livorno. Is-socjeta` attrici izda tallega illi s-socjeta`

konvenuta kienet imqabbda wkoll biex tigbor il-merkanzija mill-fabbrika.

“Fil-fatt il-polza ta’ kariku turi illi x-*shipper* huwa *Comesmar s.p.a. “as agents only*”[1], u aktar ’l isfel tghid illi *Comesmar s.p.a.* hija *“as agents of Seamalta carrier*”[2]. Tidher ghalhekk ragjonevoli l-konkluzjoni illi l-garr tassew sar minn din *Comesmar s.p.a.* li, la darba hija l-agent tas-socjeta` konvenuta, ghan-nuqqas taghha quddiem is-socjeta` attrici twiegeb is-socjeta` konvenuta.

“L-analizi kimika turi illi l-hsara saret minhabba kuntatt ma’ l-ilma bahar, u jidher illi hemm qbil illi l-imballagg ma sarx sew u ghalhekk il-merkanzija xxarrbet; fil-fatt, fit-tmien eccezzjoni taghha s-socjeta` konvenuta tfittex li tehles mill-htija billi tghid illi kien hemm “*insufficiency of packaging*”. Il-kwistjoni izda hija min kellu d-dmir li jara li l-imballagg isir sew.

“Ix-xhud Arthur Manders, imressaq mis-socjeta` konvenuta stess, qal illi hija s-socjeta` konvenuta illi normalment, meta tara illi l-merkanzija tehtieg li titghatta, tiehu hsieb li tghattiha biex ma ssirilhiex hsara[3]. In-nuqqas fl-imballagg, ghalhekk, kien htija tas-socjeta` konvenuta, u l-ewwel zewg eccezzjonijiet u t-tmien wahda ghal din ir-raguni ma jistghux jintlaqghu.

“Lanqas tista’ tintlaqa’ d-disa’ eccezzjoni, li tghid illi kien hemm “difetti inerenti” fil-merkanzija, ghax prova ta’ dawn id-difetti ma ngibitx.

“Ma tistax tintlaqa’ wkoll is-seba’ eccezzjoni, li tghid illi s-socjeta` konvenuta ma tafx jekk il-merkanzija li dwarha saret il-kawza hijiex l-istess wahda li kienet garret hi. Dwar dan xehed Carmelo Bartolo, direttur tas-socjeta` attrici, u kkonferma illi qabel ma nqala’ dan l-incident is-socjeta` attrici dejjem kienet tahdem bis-socjeta` konvenuta[4];

---

1 Fol. 4, fuq nett, fuq ix-xellug.
2 Fol. 4, isfel nett fuq il-lemin.
3 Ara xiehda ta’ Arthur Manders fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2002, fol. 146.
4 Ara x-xiehda ta’ l-istess Carmel Bartolo fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2002, fol. 80.

ghalhekk il-merkanzija li saritilha l-hsara bilfors li garritha s-socjeta` konvenuta.

“Fadal li nqisu l-eccezzjonijiet dwar iz-zmien meta nghata l-avviz tal-hsara lis-socjeta` konvenuta u meta saret il-kawza. Ghall-ghanijiet ta’ dawn l-eccezzjonijiet, is-socjeta` konvenuta qieghda tistrieh fuq dan il-punt fil-polza ta’ kariku:

“20 NOTICE OF LOSS OR DAMAGE TIME FOR SUIT

“Unless notice of loss or damage and the general nature of such loss or damage be given in writing to the Company or his agents at the place of delivery before or at the time of the removal of the Container (s) or its contents into the custody of the merchants such removal shall be *prima facie* evidence of the delivery by the Company of the Container or the goods as described in the Bill of Lading. If loss or damage is not apparent the notice must be given within three days of the delivery. In any event the Company shall be discharged from any liability unless suit is brought within three months after delivery of or the date the goods should have been delivered.

“Ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici xehdu illi l-ewwel li ntebhu bil-hsara kien ghall-habta t’April ta’ l-1999[5]; fil-process ma hemmx kopja ta’ l-ittra li biha s-socjeta` attrici avzat lill-konvenuta bil-hsarat, izda mill-mistoqsija ta’ l-avukat tas-socjeta` attrici lix-xhud Arthur Manders fis-seduta tat-18 t’Ottubru 2002 u mit-twegiba ta’ l-istess xhud, jidher illi kien biss f’Gunju ta’ l-1999 li s-socjeta` attrici gharrfet lill-konvenuta[6].

“Jidher car ghalhekk illi l-avviz tal-hsara ma nghatax fil-waqt, ghax ghaddew aktar minn tlett ijiem mhux biss mill-konsenja izda wkoll minn meta s-socjeta` attrici saret taf bil-hsara.

---

5 Ara l-*affidavit* ta’ Carmel Bartolo mahluf fil-15 ta’ Novembru 2001, *fol.* 221; ara wkoll ix-xiehda ta’ l-istess Carmel Bartolo fis-seduta tat-18 t’Ottubru 2002, *fol.* 132

6 *Fol.* 158.

“Dan in-nuqqas izda ma hux fatali ghall-azzjoni ghax kull ma jaghmel hu li johloq biss presunzjoni *prima facie* illi l-merkanzija kienet konsenjata fi stat tajjeb. Rajna illi hemm bizzejjed provi biex jeghlbu din il-prezunzjoni.

“Is-socjeta` attrici, izda, naqset li taghmel il-kawza fi zmien tlett xhur mill-konsenja jew ghall-anqas minn meta setghet tkun taf, jew ukoll, fl-ahjar ipotesi ghall-attrici, minn meta fil-fatt saret taf bil-hsara.

Ma hemmx dubju illi, ghall-inqas fil-15 ta’ Gunju 1999, meta rceviet ir-rizultat ta’ l-analizi tal-hsara mill-Italia[7], is-socjeta` attrici kienet taf mhux biss li lill-merkanzija saritilha hsara, izda wkoll x’kien li ghamel il-hsara; mandankollu il-kawza fethitha fl-4 ta’ Jannar 2000, sew aktar minn tlett xhur wara.

“Il-Qorti taqbel mas-socjeta` attrici illi l-patt ta’ dekadenza stipulat fil-polza ma jiswiex ghall-kuntratt ta’ garr, ghax huwa anqas mit-terminu ta’ sena msemmi fl-Art. III.6[8] tal-*Hague-Visby Rules* u ghandu l-effett li jehles lis-socjeta` konvenuta mir-responsabbilita` “*otherwise than as provided in [the] Rules”,* bi ksur ta’ l-Art. III.8[9]. Il-*Hague-*

---

7 *Fol.* 27

8 **III.6.** Unless notice of loss or damage and the general nature of such loss or damage be given in writing to the carrier or his agent at port of discharge before or at the time of the removal of the goods into the custody of the person entitled to delivery thereof under the contract of carriage, or, if the loss or damage be not apparent, within three days, such remval shall be prima facie evidence of the delivery by the carrier of the goods as described in the bill of lading.

The notice in writing need not be given if the state of the goods has, at the time of their receipt, been the subject of joint survey or inspection.

Subject to paragraph 6bis the carrier and the ship shall in any event be discharged from all liability whatsoever in respect of the goods, unless suit is brought within one year of their delivery or of the date when they should have been delivered. This period, may however, be extended if the parties so agree after the cause of action has arisen.

In the case of any actual or apprehended loss or damage the carrier and the receiver shall give all reasonable facilities to each other for inspecting and tallying the goods.

9 **III.8.** Any clause, covenant, or agreement in a contract of carriage relieving the carrier or the ship from liability for loss or damage to, or in connection with, goods arising from negligence, fault, or failure in the duties and obligations provided in this article or lessening such liability otherwise than as provided in these Rules, shall be null and void and of no effect. A benefit of insurance in favour of the carrier or similar clause shall be deemed to be a clause relieving the carrier from liability.

*Visby Rules* ighoddu ghall-kaz tallum ghax it-taghbija saret fl-Italja.

"Biex waslet ghal din il-konkluzzjoni, din il-Qorti mxiet fuq is-sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 t'April 1998 *in re* **John Galdes *nomine versus* James Gollcher *et nomine*** u *in re* **Dr Simon Micallef Stafrace *nomine versus* James Gollcher *et nomine.***

"Il-Qorti ghalhekk tichad l-eccezzjoni ta' dekadenza jew preskrizzjoni.

"Fadal li ssir likwidazzjoni tad-danni.

"Ma hemmx dubju illi s-socjeta` attrici sofriet it-telf tal-merkanzija, li kienet tiswa tmint elef mitejn u tnejn u erbghin lira u wiehed u sebghin centezmu (LM8,242.71)[10]. Qeghda titlob ukoll izda telf ta' qligh.

"Fil-fehma tal-Qorti ma ghandu jinghata ebda kumpens ghal telf ta' qligh, r-raguni hija illi, kif xehed id-direttur tas-socjeta` attrici, hija regghet bieghet lill-klijenti taghha l-istess ammont ta' merkanzija daqs dak mitluf[11], u l-qligh ghalhekk xorta ghamlitu. Naturalment, dak il-bejgh partikolari ma kinitx sejra taghmlu darbtejn li kieku l-merkanzija ma kinitx bil-hsara, u ghalhekk is-socjeta` attrici m'ghandhiex tiehu l-qligh darbtejn."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u, b'rikors intavolat fid-29 ta' Ottubru, 2003, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddeciedi finalment il-kawza premessa billi filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess.

10 *Fol.* 96
11 Ara x-xiehda ta' Carmelo Bartolo fis-seduta tat-18 t'Ottubr 2002, *fol.* 134.

In sostenn ta' l-appell minnha ntavolat is-socjeta` konvenuta ressqet erba' aggravji li huma bazikament is-sewgenti:-

a) Li ma ngiebet ebda prova konkluziva li l-merkanzija li dwarha saret il-kawza kienet fil-fatt ingabet Malta fil-vjagg premess.

b) Illi t-trapass taz-zmien ippregudika d-drittijiet tas-socjeta` konvenuta.

c) Illi s-socjeta` konvenuta ma kienitx responsabbli ghall-imballagg tal-merkanzija izda li ggor l-istess merkanzija. Inoltre la darba l-fornitura kienet "ex works" is-socjeta` attrici kellha tfittex lis-suppliers talli l-aluminium ma kienx *anodized*.

d) Illi s-socjeta` attrici kienet iddekadiet mid-dritt ta' l-azzjoni.

Is-socjeta` attrici appellata pprezentat risposta dettaljata ghar-rikors ta' l-appell tas-Seamalta Co. Limited fejn talbet ukoll li l-appell taghha jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha u s-sentenza kkonfermata.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-ewwel aggravju.**

Is-socjeta` konvenuta qed toggezzjona ghall-fatt li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-merkanzija li dwarha kien qed isir l-ilment kienet dik li giet mal-vjagg in kwistjoni billi s-socjeta` attrici dejjem kienet tahdem bis-socjeta` konvenuta. In sostenn ta' din l-oggezzjoni jinghad mill-appellanti li effettivament s-socjeta` attrici ma rriskontrat ebda hsara meta gabret il-merkanzija, li l-hsara kienet evidenti u xorta wahda ma saret ebda rimarka u billi kien jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tara li l-merkanzija kienet fi stat tajjeb u, jekk le, tagixxi tempestivament.

Din il-Qorti ma tistax taccetta dan l-aggravju u dana billi jirrizulta mix-xiehda mhux kontestata ta' Bartolo u Seychell illi l-merkanzija mertu tal-kawza kient ingarret

mis-socjeta` konvenuta permezz tal-vjagg relattiv. Inoltre l-hsara ma kinitx tant evidenti u din zviluppat bil-moghdija taz-zmien u giet maghrufa lis-socjeta` attrici meta l-prodott beda jigi ritornat lura mid-diversi klijenti wara li osservaw “corrosion”. Dwar l-ilment tan-nuqqas ta’ azzjoni tempestiva jirrizulta li meta irrizulta dan il-“corrosion” is-socjeta` attrici hadet passi immedjatament billi kitbet lis-suppliers li baghtu rapprezentanti li kkonfermaw li l-hsara kienet rizultat ta’ l-esposizzjoni tal-prodott ghall-ilma bahar. B’dan giet ukoll infurmata s-socjeta` konvenuta li naqset li tiehu l-passi mehtiega biex taccerta ruhha dwar dak li kien gara.

**Dwar it-tieni aggravju.**

Qed jigi osservat li bit-trapass taz-zmien u cioe` bejn meta ngarret il-merkanzija u meta saret il-“claim” gew pregudikati d-drittijiet tas-socjeta` konvenuta billi l-affarijiet jigu rezi tant incerti li s-socjeta` konvenuta ma tkunx tista’ tiehu dawk il-passi biex tirribatti l-allegazzjonijiet attrici; billi ma hemmx prova li l-aluminium ma kienx *anodized* u wara zmien dan ma setghetx tistabilieh is-socjeta` konvenuta; u finalment billi l-hsara grat minnhabba l-moghdija taz-zmien u kieku l-merkanzija kienet tnadfet, din il-hsara ma kinitx tigri.

Kif sewwa gie osservat mis-socjeta` attrici fir-risposta taghha l-hsara fil-merkanzija setghet tigi stabbilita biss meta tnehha l-packaging u beda jinhadem ix-xoghol. F’dan l-istadju s-socjeta` konvenuta giet infurmata bil-hsara li kien irrizulta, biss din irrifjutat li taghmel l-investigazzjonijiet taghha biex tistabilixxi x’kienet il-hsara u r-raguni ghal din il-hsara. L-unika haga li jidher li ghamel ix-xhud Manders, impjegat tas-socjeta` konvenuta, kien li jara meta wasal il-vapur.

Illi s-socjeta` konvenuta ma hijiex korretta dwar l-assenza ta’ “anodization” ta’ l-aluminium ghax effettivament l-istess espert Peplow, ghalkemm ma ghamel ebda test fir-rigward, ma eskludiex li l-amuminium kien “anodized” anzi fir-rigward huwa qal “jiena jekk niftakar sew kien coated dan, kien anodized ….. jigifieri kellu coating biex izjed

jirrezisti l-ilma bahar." Is-socjeta` konvenuta ma ghamlet ebda testijiet fir-rigward ghalkemm dawn setghu jsiru.
Dwar it-tindif ta' l-aluminium din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti u cioe` li dan kellu jitnaddaf u li gratlu l-hsara minhabba nuqqas ta' tindif u dana billi ma tressqet ebda prova li kellu jsir hekk. Fi kwalunkwe kaz is-socjeta` konvenuta ma tistax tghabbi lis-socjeta` attrici b'xi obbligu meta l-kawza tal-hsara kienet in-nuqqas taghha meta ma haditx l-prekawzjonijiet mehtiega biex il-prodott ma jixxarrabx.

**Dwar it-Tielet aggravju.**

Qed jigi sottomess mill-appellanti li l-hsara fil-aluminium sehhet minhabba imballagg insufficjenti u nuqqas ta' *anodization*. Inoltre qed jigi osservat li minhabba dawn in-nuqqasijiet is-socjeta` attrici kellha tagixxi kontra s-socjeta` fornitrici u mhux kontra s-socjeta` konvenuta.

Din il-Qorti ma tikkondividix s-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta billi jirrizulta, kif rrilevat l-ewwel Qorti, li skond ix-xhud Manders, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, kien obbligu ta' l-istess socjeta` konvenuta li tiehu hsieb l-imballagg <u>meta l-merkanzija titqieghed fuq il-kverta</u>. Irrizulta ukoll mix-xhud Peplow, li l-aluminium kien *anodized*. Isegwi li s-socjeta` fornitrici ma kellha ebda responsabbilita` ghall-akkadut u s-suggeriment tas-socjeta` konvenuta li l-azzjoni kellha tkun indirizzata lejn is-socjeta` fornitrici m'ghandu ebda fondament.
**Dwar ir-Raba' aggravju.**

Dwar dan l-aggravju din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandha xejn x'izzid ma' dak li gie tant abbilment espost fis-sentenza appellata. Infatti ghalkemm is-socjeta` appellanti tipprova tallaccja dak li hemm preskritt fil-polza ta' karigu dwar dmirijiet tas-socjeta` attrici importatrici biex anke jigu salvagwardati l-interessi tas-socjeta` konvenuta, xorta jibqa' l-fatt li l-azzjoni odjerna giet intavolata entro it-terminu ta' sena kif preskritt mill-Hague-Visby Rules li japplikaw ghat-tragitt mertu tal-kawza. Dan l-aggravju ghalhekk huwa ukoll michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------